

Brussell, 21 ta' Ġunju 2018
(OR. en)

10301/18

SOC 430
EMPL 351
FIN 485
MI 485
EDUC 263

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	21 ta' Ġunju 2018
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 9497/18	
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 6/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri - "Moviment Liberu tal-Ħaddiema - il-libertà fundamentali hija żgurata iżda orjentament aħjar tal-fondi tal-UE jkun ta' għajnuna għall-mobbiltà tal-ħaddiema" - Konklużjonijiet tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 6/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri - "Moviment Liberu tal-Ħaddiema – il-libertà fundamentali hija żgurata iżda orjentament aħjar tal-fondi tal-UE jkun ta' għajnuna għall-mobbiltà tal-ħaddiema", adottati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fil-21 ta' Ġunju 2018.

Rapport Speċjali Nru 6/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri - "Moviment Liberu tal-Ħaddiema - il-libertà fundamentali hija żgurata iżda orjentament aħjar tal-fondi tal-UE jkun ta' għajnuna għall-mobbiltà tal-ħaddiema"

Konklużjonijiet tal-Kunsill

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

1. JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 6/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri u t-tweġibiet dettaljati għalih tal-Kummissjoni;
2. JISSOTTOLINJA t-tempestività tar-rapport, fl-isfond tal-importanza dejjem akbar tal-flussi ta' mobbiltà fl-UE;
3. JAQBEL mar-rikonoxximent tal-Qorti li l-libertà fundamentali tal-moviment liberu tal-ħaddiema hija żgurata iżda li xorta jista' jsir titjib biex tiġi ffaċilitata l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol;
4. JIRRIKONOXXI l-ħidma importanti li diġà saret mill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex tiġi żgurata din il-libertà fundamentali permezz tal-leġislazzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar korretta tagħha, u finanzjament adegwat;
5. IQIS li r-rakkomandazzjonijiet li saru mill-Qorti tal-Awdituri huma pertinenti u għandu jittieħed kont tagħhom mill-Kummissjoni kif ukoll l-Istati Membri sabiex jittejjbu l-politiki u l-għodod immirati lejn il-promozzjoni tal-moviment liberu tal-ħaddiema;
6. JIRRIAFFERMA l-impenn tiegħu lejn il-prinċipju tal-moviment liberu tal-ħaddiema, il-pedament tal-integrazzjoni tas-Suq Uniku, filwaqt li jiġi żgurat li jitneħħew l-ostakli għall-mobbiltà tal-forza tax-xogħol, li l-qafas sod tar-regoli jiġi implimentat b'mod korrett u effettiv, u li l-għodod stabbiliti jgħinu fil-faċilitazzjoni tal-mobbiltà;

7. JENFASIZZA l-importanza li jiżdied l-għarfien fost iċ-ċittadini tal-UE dwar għodod immirati għall-għoti ta' informazzjoni dwar il-libertà ta' moviment tal-ħaddiema kif ukoll għall-ħolqien ta' suq tax-xogħol Ewropew ġenwin, partikolarment fid-dawl tar-riforma tan-netwerk EURES, inkluż l-implimentazzjoni li għaddejja tar-regolament EURES;
 8. JENFASIZZA l-importanza tad-disponibbiltà ta' data li tippermetti monitoraġġ u fehim aħjar tal-flussi ta' mobbiltà, u b'hekk tikkontribwixxi għat-titjib tal-politiki u għodod tal-UE;
 9. JIRRIKONOXXI li hemm inizjattivi għaddejjin bl-għan li jiżguraw li r-regoli tal-UE dwar il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol hija żgurata b'mod ġust, sempliċi u effettiv;
 10. JINNOTA li huwa importanti li jiġu żgurati aktar sinerġiji bejn l-istrumenti ta' finanzjament li jindirizzaw il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol, u f'dan ir-rigward
 11. IFAKKAR li għan-negozjati li ġejjin dwar il-ġenerazzjoni li jmiss tal-programmi ta' finanzjament, mingħajr preġudizzju għall-eżitu finali ta' dawn id-diskussjonijiet, għandha tingħata konsiderazzjoni xierqa lir-rakkomandazzjonijiet li saru f'dan ir-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri.
-